**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

**SANTA VENERA LOCAL COUNCIL**

**31/19**

**Il-Wieħed u tletin (31) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar is-27 t'Ottubru, 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużat:** | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| **Assenti:** | Is-Sur Gianluca Degabriele | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-ġurnata:
   (a) Rendikont Finanzjarju minn Lulju 2014 sa Settembru 2014
   (b) Budget 2015
   (c) Attivitajiet għal Jum Santa Venera (14 ta' Novembru 2014)
   (d) Ġieħ Santa Venera
   (e) Rakkomandazzjoni mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni fuq Tender/Kwotazzjonijiet
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-6.50 ta' filgħaxija.

Minghand

Is-segretarju nforma lill-Kunsilliera li kien irċieva komunikat li l-Kunsillier is-Sur Anastasi sabiex jiġi skużat għall-laqgħa.

Is-segretarju nforma lill-Kunsilliera li s-Sur Brimmer u s-Sur Carabott sabiex ikunu skużati fil-bidu tal-laqgħa minħabba mpenji oħra.

2. *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti 30/19 ttieħdu bħala moqrija

2.2 **Korrezzjoni tal-Minuti 30/19**

2.2.1 Minuta 3.3 - titneħħa l-kelma "le" u ssir "li".

2.3 Il-Minuti tal-laqgħa ġew approvati unanimament wara li ġew ikkoreġuti.

F'dan l-istadju (fis-7.10pm) is-Sindku talab is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss punt 7 (a) u (b) tal-Aġenda – Ordnijiet tal- ġurnata li kien jitratta r-Rendikont Finanzjarju minn Lulju 2014 sa Settembru 2014 u l-Budget 2015.

Il-Membri qablu unanimament

**3. Ordnijiet tal-Ġurnata**

**3.1 (a) Rendikont finanzjarju Lulju 2014 – Settembru 2014**

Is-Sur Chris Farrugia spjega fid-dettal ir-rendikont finanzjarju bejn April 2014 u Ġunju 2014.

Ġie nnutat li ċerti Financial Committments ma kienux imniżżlin u għaldaqstant kien hemm qbil sabiex dan jiġi rivedut.

Ma kienx hemm oġġezzjonijiet jew astenzjonijiet u kien hemm qbil unanimu fuq dan ir-rapport wara li jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa.

**3.2 (b) Budget 2015**

Is-Sur Chris Farrugia spjega il-budget għas-sena 2015. Is-Sindku nforma lis-Sur Farrugia dwar xi emendi fl-allokazzjoni tal-budget.

Wara li saru dawn l-emendi mitluba mis-Sindku ma kienx hemm oġġezzjonijiet jew astenzjonijiet u kien hemm qbil unanimu fuq il-budget hekk kif kien ikkoreġut.

Fis-7.30 pm wasal wieħed mill-membri tal-Kunsill, is-Sur Darren Carabott.

Fit-7.35 pm l-Accountant is-Sur Christian Farrugia ġie skużat ghall-kumplament tal-laqgħa.

**Titkompla Punt 3 tal-Aġenda - Affarijiet li jitqajmu mill-minuti**

3.3 Minuta 3.1 - Is-Sindku nforma lill-membri li TM infurmatna li dik ir-reseved parking li hemm quddiem dar 375, Triq il-Kbira San Gużepp tintuża. Għaldaqstant għandna naraw kemm u kif qed jiġi utilizzat iċ-Ċentru sabiex inkunu f'pożizzjoni li niddeċiedu

Il-Membri qablu unanimament.

3.4 Minuta 3.2 - Is-Sindku nforma lill-membri li fuq iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum jidher li ser tkun diffiċli li nużaw l-iskola ta' Marija Assunta minħabba li hemm spejjeż kbar biex dan il-post ikun konvertit f'Centru ta' Matul il-Jum. Is-Sindku nforma lill-membri li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali approva sabiex issir estenzjoni tal-kuntratt attwali mas-Sur Joseph Muscat. Fuq dan ir-rigward is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill jagħmel estenzjoni tal-kuntratt u jkompli jikri l-post attwali li qed jintuża bħala Centru ta' Matul il-Jum għal tlett snin li ġejjin jiġifieri sal 31 ta' Jannar, 2018.

Is-Sur Mangani s-sekonda lis-Sindku filwqat li l-membri l-oħra qablu unanimament.

Fis-7.45 pm wasal wieħed mill-membri tal-Kunsill is-Sur Jonathan Brimmer.

3.5 Minuta 4.1 – Is Sindku nforma lill-membri li irċieva l-applikazzjoni mingħand is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Michael Mifsud u mingħand wieħed mill-ħaddiema, is-Sur Lino Busuttil, dwar l-akkumulazzjoni tal-VL mis-sena 2014 għas-sena 2015. Is-Sindku qal li s-Segretarju jixtieq li 54 siegħa tal-VL jigu trasferiti għas-sena 2015 filwaqt li is-Sur Lino Busuttil jixtieq li 45 siegħa jkunu akkumulati għas-sena 2015.

Il-membri kollha qablu unanimament

3.6 Minuta 4.4 - Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-ġranet tat-titqiba staġonali tal-influwenza ser ikunu fil-5 u s-6 ta' Novembru fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum.

3.7 Minuta 4.5 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill ma kienx ser jipparteċipa fl-iskema dwar l-inizjattivi sportivi fil-lokalitajiet minħabba li ż-żmien għall-applikazzjoni kien qasir wisq, apparti li ridna noħorġu somma konsiderevoli minn qabel.

3.8 Minuta 9.1 – Is-Sindku nnotifika lill-membri li wara l-aħħar laqgħa li l-kunsill kellu ġew ~~deċiżi~~ żewġ soluzzjonijiet:

- li tinfetaħ Triq l-Istampatur ma' Triq Tumas Dalli;

  jew
- isiru alterazzjonijiet mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni sabiex il-vannijiet jibdew jidħlu f'dak li llum huwa l-parapett tal-iskola u għaldaqstant it-triq ma jkolliex għalfejn tibda tingħalaq.

Il-Komunikazzjonijiet dwar dawn iż-żewġ alternattivi għadhom għaddejjin kemm minn Trasport Malta u kif ukoll mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

## 4 Korrispondenza

4.1 Is-Sindku nforma lill-membri dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand il- Fondazzjoni Healthy Steps sabiex issir diskussjoni dwar l-anzjeta' fuq it-tfal lir-residenti ta' Santa Venera. Din id-diskussjoni hija ta' darba u ddum madwar siegħa u nofs. Il-prezz huwa ta' €10 għal kull

persuna. Is-Sindku qal diskussjonijiet bhal dawn huma mportanti ghar-residenti u għaldaqstant sabiex jinkoraġġixxi lir-residenti huwa tal-fehma l-Kunsill jissussidja dan il-programm bin-nofs jigifieri l-prezz ikun ta' €5.

Il-Membri qablu unanimament.

4.2 Is-Sindku nforma lill-membri dwar korrispondenza oħra li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Richard Cachia Zammit sabiex issir preżentazzjoni dwar il-fotografija tal-għasafar. Is-Sur Cachia Zammit qiegħed jitlob sabiex tintuża s-sala tal-Kunsill peress li l-lokalita' ta' Santa Venera hija fiċ-Ċentru offrew ukoll li r-residenti Vendriżi jistgħu jidħlu b'xejn. Wara diskussjoni s-Sindku ppropona li din il-prezentazzjoni għandha ssir it-Tlieta 25 ta' Novembru, 2014 fis-6.30 pm.

Il-Membri qablu unanimament.

4.3 Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-komunikazzjoni li rċivejna mingħand is-Sur Alfred Mizzi sabiex tinħatar Kummissjoni biex tfassal programm għall-egħluq –il 100 sena Parroċċa. Is-Sindku qal li l-ħsieb huwa tajjeb biex eventwalment nibdew naħsbu fuq dan l-avveniment iżda din hija xi ħaġa li tirrigwarda l-Parroċċa għaldaqstant il-Kappillan għandu jieħu ħsieb din l-inizzjattiva. Barra minhekk is-Sindku kompla billi qal li aħna bħala Kunsill għandna niktbu lill-Kappillan fuq dan il-ħsieb.

Il-Membri qablu unanimament.

## 5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiv iċċirkola l-iskeda tal-pagamenti emendati.
Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

## 6 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 544 sa lment numru 570.

Id-deċiżjonijiet tagħhom huma dawn:

| | |
|---|---|
| 544 | Contract Manager |
| 545 | Azzjoni ttieħdet |
| 546 | Hemm Waħda ftit l-isfel fl-istess triq |
| 547 | Azzjoni ttieħdet |
| 548 | Ħaddiema Assenjati |
| 549 | Azzjoni ttieħdet |
| 550 | Ninfurmaw lid-Dipartiment tas-Sanita' |
| 551 | Azzjoni ttieħdet |

| | |
|---|---|
| 552 | Applikazzjoni mal-Enemalta |
| 553 | Azzjoni ttieħdet |
| 554 | Ninfurmaw WSC |
| 555 | Contract Manager |
| 556 | Koptasin sabiex issir tabella facing building |
| 557 | Segretarju Eżekuttiv jikteb lill-familja konċernata |
| 558 | Niktbu lil Transport Malta |
| 559 | Sinjal tal-One way jeħel mal-faċċata u r-rampa ssir taħt il-bankina |
| 560 | Niktbu lil Transport Malta |
| 561 | Koptasin |
| 562 | Niktbu lil Transport Malta |
| 563 | Ninfurmaw lill-Enemalta |
| 564 | Bhal ilment 563 |
| 565 | Tkun identifikata t-Triq |
| 566 | Tkun identifikata t-Triq |
| 567 | Nitkellmu mal-Perit il-ġdid |
| 568 | Ħaddiema Assenjati |
| 569 | Niktbu lil Transport Malta |
| 570 | Residenti tat-triq stess kienu talbu biex titneħħa |
| 571 | WO lil Logografix |

**7. Ordnijiet tal-Ġurnata**

(ċ) Attivitajiet għal Jum Santa Venera (14 ta' Novembru 2014)

Is-Sindku nforma lill-membri li f'Jum Santa Venera ser tiġi ċċelebrata quddiesa fil-Knisja l-qadima fis-6 pm. Is-Sindku kompla billi nforma lill-membri li l-preżentazzjoni tal-Ġieħ ser issr 14 ta' Novembru fis-7.15 pm fis-sala tad-Dar Qalb ta' Gesu'.

Is-Sindku nforma lill membri li ntalbu kwotazzjonijiet għall-ikel u xorb minħabba din l-attivita. Wara diskussjoni, ġie propost James Confectionery għall-ikel li l-ammont huwa madwar €646 li jinkuldi s-servizz tal-waiters u s-silġ u lil Alfsons għax-xorb li l-ammont huwa ta' madwar €530.

Is-Sur Jason Mangani is-sekonda l-proposta tas-Sindku filwaqt li l-membri l-oħra qablu unanimament.

Is-Sindku kompla billi nforma lill-membri li l-ispiża tinkorpora il-kiri tas-sala, il-band Native, Grecia Bezzina, photographer, token għar-rebbieħ u n-nominati, l-ikel ta' James Confectionery, Alfsons għax-xorb, l-pin tal-pavru għar-rebbieħ u l-fjuri.

Is-Sindku qal li Jum it-Tifkira ser tkun iċċelebrata l-Ħadd 9 ta' Novembru, 2014 fejn wara ser jitpoġġa bukkett rand quddiem il-lapida li tfakkar lill-vittmi tal-Gwerer li hemm fi Triq il-Kbira San Ġużepp.

Il-Membri qablu unanimament.

F'dan l-istadju wieħed mill-membri s-Sur Jonathan Brimmer issuġerixxa sabiex jinxtraw bnadar godda minħabba l-fatt li dawk li għandu l-Kunsill kienu qed jitqattgħu.

(d) Ġieħ Santa Venera

F'dan l-istadju fit-8.45 pm is-Sinjura Elizabeth Vella tablet sabiex tiġi skużata minħabba li wieħed min-nominati huwa is-Sur Joe Vella li jiġi ir-raġel tagħha.

Is-Segretarju ppreżenta u qara r-rapport tal-Kumitat tal-Ġieħ lill-membri kollha. Is-Segretarju nforma lill-membri li n-nominati għall-Ġieħ Santa Venera 2014 huma s-Soċjeta' Filarmonika Santa Venera V.M, il-Klabb tal-Boċċi Santa Venera, is-Sinjorina Josette Zerafa, is-Sur Charles Scerri, is-Sur Frans Saliba u s-Sur Joe Vella. Is-Segretarju informa lil kulħadd li wara li saret analiżi skont il-linji gwida, il-Kumitat b'mod unanimu qiegħed jirrakomanda lis-Sur Charles Scerri sabiex jirbaħ il-Ġieħ Santa Venera 2014.

Il-Membri kollha qablu unanimament.

Fid-9.00 pm is-Sinjura Elizabeth Vella reġgħet daħlet għall-kumplament tal-laqgħa.

(e) Rakkomandazzjoni mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni fuq Tender/Kwotazzjonijiet

Is-Segretarju ppreżenta u qara r-rapport tat-8 u d-9 laqgħa tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni dwar analiżi taż-żewġ tenders – SVLC/T/01/2014 – Tender Peritali u SVLC/T/02/2014 – Tender tad-Dawl Dekorattiv tal-Milied.

Dwar it-tender SVLC/T/01/2014 is-Segretarju qal li wara li ġew skrutinjati l-erba' applikanti li tefgħu t-tender, il-membri tal-bord tal-Aġġudikazzjoni qiegħed jirrakomanda lill-Kunsill li t-Tender Peritali għandha tingħata lir-Robert Sarsero Architects.

Is-Sindku ppropona din r-rak(k)omandazzjoni lill-membri preżenti li qablu unanimament.

Dwar it-tender SVLC/T/02/2014 is-Segretarju qal li wara li ġew analizzati l-erba' applikanti li tefgħu t-tender, il-membri tal-bord tal-Aġġudikazzjoni qiegħed jirrakomanda lill-Kunsill li t-Tender tad-Dawl Dekorattiv tal-Milied għandu jingħata lil Clinton Debono.

Is-Sindku ppropona din r-rakkomandazzjoni lill-membri preżenti u qablu ~~li~~ unanimament.

8. **Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati**

Ġew ippreżentati l-minuti tas-sitt laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi liema laqgħa saret fit-18 ta' Lulju, 2014.

Ġew ippreżentati l-minuti tas-seba' laqgħa tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni liema laqgħa saret fl-14 ta' Jannar, 2014.

Ġew ippreżentati l-minuti tas-sitt laqgħa tas-sotto Kumitat tal-Kultura u l-Wirt Storiku liema laqgħa saret fit-12 ta' Marzu, 2014.

9. **Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

9.1 Is-Sindku nforma lill-membri dwar l-Għaqda tan-Nar 26 ta' Lulju fejn qed jitolbu sabiex issir rilokazzjoni minn fejn jagħtu n-nar tal-art. Is-Sindku qal li huma qed jipproponu li n-nar jingħata minn quddiem is-sede tagħhom. Is-Sindku qal li din tinvolvi lill-għaqdiet l-oħra għaldaqstant huwa tal-fehma li l-ewwel ghandha ssir laqgħa bejn l-għaqdiet kollha u jekk jintlaħaq ftehim titressaq din il-proposta lil Transport Malta.

Il-Membri qablu unanimament.

9.2 Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-Kuncert li s-Socjeta' Filarmonika Santa Venera ser tagħmel fit-30 ta' Novembru, 2014 fit-teatru Manoel. Is-Sindku ippropona li ghal dan l-avveniment l-Kunsill ser jipprovdi l-programm tal-Kuncert u t-trasport minn Santa Venera sal-istess Teatru Manoel ġaladarba li dan l-istess kunċert qed isir bil-kollaborazzjoni mal-Kunsill.

Is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri l-oħra qablu unanimament.

9.3 Is-Sindku nforma lill-membri li waslet l-approvazzjoni mingħand Trasport Malta tat-Traffic management fi Triq Qormi sabiex issir ic-central strip. Is-Sindku nforma lill-membri li din mhux ser issir għalissa minhabba l-fatt li l-ewwel trid tiġi rranġata din l'parti tat-triq qabel ma jigi attwat dan it-traffic management.

Il-Membri qablu unanimament.

9.4 Is-Sindku nforma lill-membri li l-inawgurazzjoni ta' Misraħ Santa Venera ser issir fl-14 ta' Diċembru, 2014 fil-ħdax ta' filgħodu fil-preżenza tal-President ta' Malta s-Sinjura Marie Louise Coleiro Preca. Il-ħsieb huwa li jkun hemm parata mill-Iscouts u wara jsir diskors mis-Sur Charles Scerri l-benefattur tal-istatwa, preżentazzjoni mis-Sur Mario Coleiro dwar l-istorja, jagħmel kelmtejn tal-okkażjoni is-Sindku u fl-aħħar tagħmel il-messaġġ tagħha l-President ta' Malta. Wara isir il-kxif u t-tberik tal-istatwa fejn huwa mistieden l-Arċisqof Emeritus Cremona. Fl-aħħar jindaqq l-Innu ta' Santa Venera mill-banda u l-kor u ssir bibita zgħira tal-okkażjoni.

Is-Sindku nforma lill-membri li din l-okkażjoni qiegħed jipproponi l-kiri ta' *PA system* u siġġijiet, ikel, xorb, salut tan-nar, kiri ta' tinda minħabba l-maltemp u l-permessi neċessarji.

Is-Sinjura Elizabeth Vella ssekondat lis-Sindku u l-membri kollha qablu unanimament.

9.5 Is-Sindku nforma lill-membri dwar l-ispiża tal-ħadid u d-dawl li jridu jsiru f'Misraħ Santa Venera fejn hemm il-pedestall. Is-Sindku rrimarka li rċivejna tlett kwotazzjonijiet tal-ħadid mingħand Valletta Aluminium, Mark Micallef u Vassallo & Xuereb Ltd. Wara diskussjoni s-Sindku ppropona li x-xogħol isir minn Valletta Aluminium peress li d-differenza fil-prezz hija ta' €60 u l-Kunsill diġà jaf x'tip ta'xogħol jagħmel. Fuq id-dawl is-Sindku qal li rċivejna 3 kwotazzjonijiet oħra mingħand MicaMed b'arblu ta' 9.5 metri u installazzjoni nkluża €2687, MF Electrics b'arblu ta' 8 metri mingħajr installazzjoni €2135 u Calleja b'arblu 4 metri u mingħajr installazzjoni €1150. Is-Sindku qal li l-arblu irid ikun aktar minn 8 metri minħabba l-għoli tal-pedestall u l-istatwa, għaldaqstant huwa jipproponi lill-Micamed minħabba li fil-prezz kwotat hemm inkluż l-installazzjoni.

Is-Sur Jason Mangani ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament.

9.6 Is-Sindku informa lill-membri dwar 4 bibien tal-aħmar miżbugħin ħodor li jridu jsir fi ġnien Romeo Romano. Huwa qal li għandna tlett kwotazzjonijiet mingħand M to D €3138, MonLung €3020 u Benny Muscat €1486. Fuq dan ir-rigward is-Sindku qiegħed jipproponi lil Benny Muscat peress li hija l-irħas kwotazzjoni.

Is-Sur Jason Mangani ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament

9.7 Is-Sindku informa lill-membri dwar il-kawża li l-LIDL fetaħ kontra l-Kunsill ta' Santa Venera rigward it-Traffic Management. Is-Sindku nforma lill-membri li is-smiegħ tal-kawza ser jistema' fl-10 ta' Diċembru, 2014.

9.8 Is-Sindku nforma lill-membri sabiex jaħsbu nqara fuq attivita' li l-kunsill jista' jagħmel attivita' lit-tfal ta' Santa Venera fiż-żmien il-Milied. Is-Sindku qal lill-membri sabiex fil-laqgħa li jmiss iressqu l-proposti tagħhom.

9.9 Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-laqgħa li kellu ma ta' Bandallu dwar il-proposta li qegħdin iressqu li jsir *traffic management* fit-Trejqa tal-Ferrovija. Is-Sindku infurmah li qabel ma jitneħħa ċ-cint li hemm f'Misraħ il-Barrieri huwa mhux lest li jibda jaħdem fuq din il-proposta. Is-Sindku qal lill-membri li 'l quddiem jinfurmhom kif baqgħu l-affarijiet.

9.10 Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-permess li tal-BOV sabiex jibda jsir ix-xogħol minflok is-SWAN laundry. Is-Sindku qal li għaddej b'komunikat mal-MEPA dwar il-flus li kellhom jingħataw.

9.11 Is-Sindku qal lill-membri dwar proposta li jsiru xi aerobics fil-lokalita'. Il-prezz huwa ta' €5 kull persuna meta l-klassi issir filgħodu u €15 meta l-klassi issir filgħaxija. Wara diskussjoni l-Kunsill ma qabilx

9.12 Is-Sindku nforma lill-membri dwar proposta oħra sabiex isiru korsijiet tad-dekorazzjonijiet tal-kejkijiet. Liema kors ser isir fil-kumpless Umberto Calosso. Il-kors jiswa €330 għal 10 lezzjonijiet. Is-Sindku qal li l-kors jista' jsir u kull persuna nteressata tħallas €20 u bil-kumplament ikun issussidjat mill-Kunsill.

Il-Membri qablu unanimament.

9.13 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Laqgħa Annwali tal-Kunsill ser issir il-Ħadd 30 ta' Novembru, 2014 fil-11 ta' filgħodu ġewwa l-bini tal-Kunsill.

9.14 Is-Sindku nforma lill-membri li ghal din is-sena l-ikla tal-Milied ghall-kunsilliera u l-ħaddiema ser issir is-Sibt 20 ta' Diċembru, 2014 fis-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar. Il-post ser ikun ikkonfermat aktar 'il quddiem.

Il-Membri qablu unanimament.

**10. Aġġornament**

L-aġġornament tal-laqgħa ġiet iffissata għal nhar it-Tnejn 24 ta' Novembru, 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.50 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: